IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.10.2020
COM(2020) 637 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u mar-Renju tan-Norveġja

ANNESS

DIRETTIVI GĦAN-NEGOZJAR TA' FTEHIM DWAR IS-SAJD MAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ U R-RENJU TAN-NORVEĠJA

I. IL-KUNTEST ĠENERALI U L-GĦAN TAL-FTEHIM TAS-SAJD

Wara l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (minn hawn' il quddiem: Ir-Renju Unit) mill-Unjoni Ewropea, għadd ta' stokkijiet tal-ħut fil-Baħar tat-Tramuntana ma jistgħux jibqgħu jitqiesu bħala stokkijiet kondiviżi bilateralment bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja biss. Dawn l-istokkijiet jinsabu fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni tar-Renju Unit u tar-Renju tan-Norveġja.

F'konformità mal-Artikolu 63(1) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar[1], l-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u r-Renju tan-Norveġja jenħtieġ li jaqblu dwar il-miżuri meħtieġa biex jikkoordinaw u jiżguraw il-konservazzjoni u l-iżvilupp tal-istokkijiet ikkonċernati fil-Baħar tat-Tramuntana.

Għal dan il-għan, l-Unjoni Ewropea qed tipprova tikkonkludi ftehim dwar is-sajd (il-Ftehim) mar-Renju Unit u mar-Renju tan-Norveġja.

II. IL-KONTENUT TAL-FTEHIM TAS-SAJD

1. Il-Ftehim jenħtieġ li jistabbilixxi qafas għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut kondiviżi kif ukoll il-kundizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi. Jenħtieġ li jiżgura sajd responsabbli kontinwu biex tiġi żgurata l-konservazzjoni fit-tul u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, f'konformità mal-prinċipji rilevanti skont id-dritt internazzjonali.

2. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sajd jenħtieġ li jinkludu l-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp ta' miżuri għall-isfruttar sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi, inkluż l-evitar tar-rimi. Tali miżuri jenħtieġ li jkunu nondiskriminatorji u jsegwu approċċ ibbażat fuq ix-xjenza allinjat mal-objettiv li jinkiseb rendiment massimu sostenibbli għall-istokkijiet ikkonċernati. Il-Ftehim jenħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni fil-kontroll u l-infurzar, il-ġbir tad-*data* u l-pariri xjentifiċi.

3. Il-Ftehim jenħtieġ li jinkludi arranġamenti biex jinżammu l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni u biex jiġi evitat l-iżlugar ekonomiku tal-attivitajiet tas-sajd tal-Partijiet għall-Ftehim.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jenħtieġ li jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-aċċess reċiproku eżistenti u l-ishma tal-kwota, filwaqt li jibnu fuq l-attività tradizzjonali tal-flotta tal-Unjoni kif previst fil-ftehim qafas dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja[2], u b'hekk:

1. jinżamm aċċess reċiproku kontinwu mill-bastimenti tal-Unjoni, tar-Renju Unit u dawk Norveġiżi għall-ilmijiet tal-Unjoni, tar-Renju Unit u tar-Renju tan-Norveġja;

2. jinżammu l-ishma ta' kwota stabbli, li jistgħu jiġu aġġustati biss bil-kunsens tal-Partijiet direttament ikkonċernati;

---

[1] Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, *ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3.*

[2] ĠU L 226, 29.08.1980, p. 47.

3. jiġu inklużi modalitajiet għal trasferimenti u skambji ta' kwoti u għall-istabbiliment ta' qabdiet totali permissibbli annwali jew pluriennali jew limitazzjonijiet tal-isforz abbażi ta' strateġiji ta' ġestjoni fit-tul;

4. jiġu organizzati l-modalitajiet għall-kisba tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u d-dispożizzjonijiet li jiżguraw it-trattament ugwali u l-konformità, inklużi l-attivitajiet konġunti ta' kontroll u ta' spezzjoni;

5. jiġi stabbilit il-qafas istituzzjonali xieraq għall-kooperazzjoni dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokkijiet kondiviżi tal-ħut.

6. Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi konkluż f'waqtu biex jintuża għall-identifikazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għall-ewwel sena wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.